**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 472/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**-Vs-**

**DAVID BONNICI**

**Illum, 23 ta' Ottubru 2023.**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **DAVID BONNICI** ta' 45 sena, bin Walter u Theresa nee' DeGiorgio, imwieled San Giljan nhar l -4 ta' Jannar 1977, residenti gewwa 27, Triq Campis Zebbug Malta, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 83777M, li ġie akkużat talli nhar il-31 ta' Mejju 2022 ġewwa l-Bini tal-Qorti, il-Belt Valletta:-

1. Ingurja jew hedded lill-Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D. waqt li kien qed jagħmel jew minhabba li kien għamel id–dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu;

2. U aktar talli fl-istess data lok, ħin u ċirkostanzi ingurja, ħedded u/jew għamel offiża fuq il-persuni tal-ispettur Sherona Bhagiar, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienet qed tagħmel jew minħabba li kienet qed tagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbezżagħha jew li jinfluwixxi fuqha, kontra il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, volontarjament ksirt il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied

4. U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi, sar reċidiv a terminu ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'sentenza mogħtija mill- Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

Il-Qorti hija mitluba f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal- Liġijiet ta' Malta

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li m'hux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat il-kunsens mogħti mill-Avukat Ġenerali biex dan il-każ jinstema' bil-proċedura sommarja għall-fini tal-artikolu 370(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2023;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli b'diversi reati taħt is-Sub Titolu II tat-Titolu I tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali li jittratta dwar inġurji u vjolenza kontra uffiċjali pubbliċi.

Mis-smigħ tax-xhieda jirriżulta illi fil-31 ta' Mejju 2022 l-imputat kien tressaq taħt arrest mill-Ispettur Sherona Buhagiar quddiem il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana mixli b'diversi reati konnessi mal-vjolenza domestika. Fil-bidu tal-proċess, l-imputat deher li ma kienx kompletament f'siktu u ma kienx qed jagħti kas għal dak li kien qed jiġri fl-awla, u ilmenta li kien għajjien. Għalhekk il-Maġistrat Caruana ħa ħsieb li jiġbed l-attenzjoni tal-imputat għal kull stadju tal-proċess biex jassigura illi kien qed jifhem dak li kien għaddej. Mit-tweġibiet tal-imputat waqt l-interrogatorju, l-imputat deher li kien konxju u kien qed jifhem dak li kien qed jiġri u wieġeb b'mod koerenti u dettaljat għal kull domanda li saritlu mill-Maġistrat. Iżda fil-waqt li l-Maġistrat kien qed ifissrilu li ma kienx qed jilqa' t-talba tiegħu għall-ħelsien mill-arrest u kien qed jispjegalu l-implikazzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni li kien appena nħareġ fil-konfront tiegħu, l-imputat irvella u beda jgħajjat.

L-Ispettur Sherona Buhagiar xehdet illi b'leħen għoli, dak il-ħin l-imputat beda jgħid lill-Maġistrat: "*Grazzi Sur Maġistrat li tfajtni l-ħabs, ta grazzi, u anke lilek Spettur*" u lill-Maġistrat Caruana speċifikatament qallu: "*M'intix raġel, xi darba tasal tiegħek, x'taħseb li int? Jien David Bonnici u xi darba tkun taf min jien.' Imbagħad waqt li kien qed iħares lejja wkoll u lejn l-avukat tiegħu u lejn il-Maġistrat, qal 'Ngħollikom kollha, kollha naħraqkom'.*"[1]

Dan ġie affermat mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana li xehed hekk: "*Meta spjegajtlu l-proċess u meta spjegajtlu li bail ma tajtux, hemmhekk is-Sur Bonnici flippja. Flippja, qam bilwieqfa, beda jgħajjat, qal kliem fis-sens 'għax intom tagħmlu l-arja ma' min hu dgħajjef u min hu b'saħħtu bħal Keith Schembri ma tagħmlulu xejn'. Umbagħad ħares lejja, qalli 'int ma tafx min jiena, jien inpattihielek, ngħollikom kollha kemm intom, naħraqkom'.*"[2]

Biex jipprovaw jikkalmaw is-sitwazzjoni, żewġ uffiċjali tal-Pulizija li kienu preżenti fl-awla tal-Qorti dak il-ħin, eskortaw lill-imputat barra mill-awla.

Dawn il-fatti ma humiex kontestati mid-difiża. Kemm hu hekk, l-imputat xehed illi huwa ma għandu ebda rikollezzjoni kwalsiasi tal-episodju li seħħ matul il-preżentata tiegħu taħt arrest quddiem il-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana fil-31 ta' Mejju 2022, għaliex dak il-ħin kien intossikat u taħt l-effett ta' taħlita ta' droga u jiftakar biss li qam u sab ruħu fl-ITU ġewwa l-Isptar Mater Dei. Noel Mifsud li kien spettur fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin xehed illi huwa kien eskorta lill-imputat mill-Faċilita' għall-Isptar Mater Dei fil-31 ta' Mejju 2022 wara li kien ġie riferut mit-tabib li kien eżaminah kif ġie ammess fil-Faċilita'. Fisser li l-imputat ma kienx qed iġib ruħu b'mod normali u ma kienx jaf x'qed jiġri madwaru, tant li daqqa jagħrfu u daqqa le. Ikkonferma iżda, li ma kiex mitluf minn sensih.

Ikkunsidrat;

---

[1] Ara wkoll rapport Dok. SB1 u Dok. CC1.

[2] Ara wkoll xhieda ta' Sharonne Borg u Felicity Attard, 1 ta' Diċembru 2022, paġna 76 u paġna 79 tal-atti tal-kawża.

L-imputat qed jiġi mixli bir-reat taħt l-artikolu 93 tal-Kodiċi Kriminali talli inġurja jew hedded lill-Maġistrat Dr. Leonard Caruana waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dmirijietu jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-iskop tal-leġislatur meta ħalaq dan ir-reat speċjali, kien li joffri protezzjoni speċjali lill-funzjonarji ġudizzjarji – b'mod distint minn kwalunkwe uffiċjal pubbliku ieħor - u lid-dinjita' tagħhom fl-amministrazzjoni ħielsa u paċifika tal-ġustizzja. Fil-fatt, dan ir-reat huwa ddivrenzjat mis-sempliċi disprezz tal-Qorti kif maħsub fid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 988 sa 1003A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) li huma reżi applikabbli lill-Kodiċi Kriminali b'effett tal-artikolu 686 tal-Kap. 9: filwaqt li f'termini ġenerali id-disprezz ravviżat fl-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 huwa riskontrabbli fi kliem jew ġesti li juru diżrispett lejn l-awtorita' u d-dinjita' tal-bank tal-ġudikatura jew li jiddisturbaw il-buon ordni fix-xogħol ġudizzjarju tal-Qorti, fil-kliem jew ġesti li jikkostitwixxu r-reat taħt l-artikolu 93 tal-Kap. 9 jiġi ravviżat attakk dirett fuq il-persuna tal-imħallef jew maġistrat jew fuq is-sentimenti jew l-unur tiegħu.

Jinsab ritenut illi għar-reita' tad-delitt taħt l-artikolu 93 tal-Kodiċi Kriminali, kwalunkwe inġurja jew theddid huwa suffiċjenti biex jikkostitwixxu r-reat, irrispettivament mill-gravita', il-forma jew il-mezzi li jintużaw biex it-theddid jew l-inġurja jiġu komunikati lill-maġistrat, imħallef jew lill-funzjonarji l-oħrajn imsemmija f'din id-dispożizzjoni legali. Irid jiġi ppruvat ukoll li l-inġurja jew it-theddid li jikkostitwixxi r-reat, ikunu ġew indirizzati fil-konfront tal-maġistrat jew funzjonarju ġudizzjarju ieħor, waqt l-eżekuzzjoni attwali tal-funzjonijiet rispettivi tiegħu **jew** minħabba li jkun wettaq dawn il-funzjonijiet **jew inkella** biex jintimidawh jew jinfluwenzaw fuqu illegalment fid-dmirijiet tiegħu[3].

[3] Ir-reat huwa aggravat meta jkun jirriżulta *inter alia* li t-theddid ikun tal-kommissjoni ta' delitt, skont kif maħsub fis-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu 93.

Il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu jikkummenta hekk dwar dan l-ingredjent tar-reat taħt l-artikolu 93 tal-Kap. 9 (allura l-artikolu 92):-

"*Where the insult or the threat is uttered or made against the judicial functionary while in the actual exercise of his functions, it is taught that the outrage need not necessarily have any connection whatever with such functions. In this case especially, the law aims at safeguarding the undisturbed and dignified exercise of the public function and consequently also to protect the person while discharging such function.*"[4]

Jiċċita wkoll lil Chaveau et Helie in materja:-

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'inguria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'inguria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di essi sussisterebbe sempre.*"[5]

Diversament meta l-oltraġġ jiġi kommess minħabba l-maġistrat jew funzjonarju ieħor jkun għamel id-dmirijiet tiegħu għaliex f'każ bħal dak, il-kawża jew l-okkażjoni tal-oltraġġ trid tkun xi att li l-funzjonarju jkun wettaq fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietu.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżmina, il-Qorti wara li semgħet ix-xhieda, fehmet illi l-imputat hedded u insulta lill-Maġistrat Leonard Caruana mhux biss waqt it-twettiq tal-funzjonijiet ġudizzjarji tiegħu iżda wkoll minħabba li eżegwixxa dmirijietu u bl-iskop li jintimidah. Dan qed jingħad għaliex il-kliem ta' theddid ("*jien inpattihielek*", "*ngħollikom*", "*naħraqkom*") u inġurja ("*M'intix raġel, xi darba tasal tiegħek, x'taħseb li int?"*) intqal lilu waqt is-smigħ tal-

[4] Notes on Criminal Law, Vol. 2, page 49/50.

[5] *Ibid.* Vol. II, p. I. Para. 960.

proċeduri kriminali fil-konfront tal-imputat fl-awla tal-Qorti sewwasew ukoll hekk kif il-Maġistrat ċaħad it-talba għall-ħelsien mill-arrest tal-imputat.

Għaldaqstant, stabbilit li r-rekwiżiti kollha essenzjali tar-reat taħt l-artikolu 93 tal-Kap. 9 huma sodisfatti bl-aġir tal-imputat u l-kliem li ntqal minnu *in facie curiae* fil-31 ta' Mejju 2022, huwa għandu jinstab ħati tar-reat ta' inġurja u theddid lil maġistrat.

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tosserva illi mill-provi jirriżulta wkoll illi t-theddid li l-imputat indirizza fil-konfront *inter alia* tal-Maġistrat, bil-kliem "*ngħollikom, naħraqkom kollha*", jikkonsisti f'theddid tad-delitt ta' offiża volontarja fuq il-persuna, punibbli taħt is-Sub Titolu II tat-Titolu VIII tal-Ewwel Ktieb, Taqsima II tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li l-inġurja "*m'intix raġel*" u "*x'taħseb li int*" evidentement saret bl-iskop li ttellef jew tnaqqas il-ġieħ u l-awtorita' tiegħu. Dan ifisser illi r-reat kif ukoll il-piena huma aggravati kif imfisser fis-subartikoli (3) u (2) rispettivament tal-artikolu 93 tal-Kap. 9.

Madanakollu, għandu jingħad illi l-imputat ma ġiex mixli wkoll espressament u speċifikatament bir-reat aggravat taħt wieħed jew iktar miż-żewġ sub-artikoli fuq imsemmija tal-artikolu 93 tal-Kap. 9, u fil-fatt, ma jirriżultax mill-kliem tal-ewwel imputazzjoni kif imfassla, jew ta' xi imputazzjoni oħra minn dawk addebitati lill-imputat fiċ-ċitazzjoni, li huwa qed jiġi mixli li t-theddid li għamel lill-Maġistrat Caruana huwa theddid ta' delitt, u / jew li l-inġurja ġiet indirizzata fil-konfront tal-istess Maġistrat bl-iskop li jtellef jew inaqqas ġieħu.

L-artikolu 360(2) tal-Kap. 9 jiddisponi li ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, **il-fatti tal-akkuża**, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għall-Qorti dan ifisser illi jeħtieġ dejjem li r-reati li l-imputat jiġi mixli bihom ikunu faċilment identifikati minn qari sempliċi taċ-ċitazzjoni, bl-imputazzjonijiet ikunu mfassla b'riproduzzjoni tal-kliem tal-liġi li toħloq ir-reat addebitat u jekk dan ikun fil-

forma aggravat tiegħu, tal-kliem li jidentifikaw il-fatti aggravanti. Dan hu essenzjali sabiex l-imputat jista' iħejji d-difiża tiegħu kontra l-imputazzjonijiet.

Il-korollarju ta' dan hu li l-Qorti tista' tiġġudika lill-imputat biss abbażi tar-reati u fatti li joħorġu mill-*avviso da comparire* u xejn aktar. Kwalunkwe konsiderazzjoni oltre dawk marbutin mar-reati indikati kif prospettati fic-citazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva. tkun manifestament *ultra vires.*

Illi fis-sentenza tagħha **Il-Pulizija v. David Norbert Schembri** tat-18 ta' Frar 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminali għamlet riferenza għa-sentenza **Il-Pulizija v. Jean Pierre Mifsud**[6], fejn kienet qamet kwistjoni dwar jekk il-Qorti setghetx issib htija ta' pussess aggravat ta' medicina psikotropika meta tali aggravanti ma kienitx giet indikata fic-citazzjoni.

"*... Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet rriteniet li, bhal fil-kaz ta' kull aggravanti iehor f' reati taht il-Kodici Kriminali u kull ligi specjali ohra ta' indoli penali, l-aggravanti iridu jiffiguraw fl-akkuza biex il-Qorti tiehu konjizzjoni taghhom u ssib htija taghhom u l-Qorti tistax issib htija ta' dan l-aggravanti fuq inizjattiva taghha stess. Konferma ta' dan temergi mill-prassi kostanti segwita kemm mill-Pulizija kif ukoll mill-Avukat Generali li jinkludu dan l-aggravanti [ta' pussess aggravat] expressis verbis fl-akkuza jew citazzjoni quddiem il-Qrati tal-Magistrati kif ukoll fl-atti ta' l-akkuza quddiem il-Qorti Kriminali.* ***Biex tista' tinstab htija ta' l-aggravanti hemm bzonn li dan ikun jifforma parti integrali mill-akkuza.***" (emfasi ta' din il-Qorti)

F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni ma talbitx korrezzjoni jew żieda fl-akkużi biex dawn jiġu jirriflettu l-fatti li ħarġu mill-provi u x-xhieda u għalhekk, il-Qorti baqgħet marbuta mal-imputazzjonijiet kif imfassla oriġinarjament liema imputazzjonijiet, madankollu, ma jimputaw ebda theddida ta' delitt fil-konfront tal-Maġistrat Leonard

[6] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-29 ta' Marzu 2007.

Caruana. Konsegwentement, il-Qorti tista' ssib ħtija biss taħt l-artikolu 93(1) tal-Kap. 9 u mhux tar-reat aggravat taħt is-subartikoli (2) jew (3) tal-istess dispożizzjoni legali.

Ikkunsidrat;

L-imputat qed jiġi mixli wkoll bir-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9 meta allegatament inġurja, hedded u jew għamel offiża fuq il-persuna tal-Ispettur Sherona Buhagiar.

Illi mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni jirriżulta illi l-imputat hedded lill-Ispettur Sherona Buhagiar waqt li kien qed iħares lejha kif ukoll lejn il-Maġistrat u persuni oħrajn fl-awla tal-Qorti, bil-kliem "*ngħollikom kollha, kollha naħraqkom*". Mix-xhieda tal-Ispettur Sherona Buhagiar kif ukoll ix-xhieda tal-Maġistrat Dr. Leonard Caruana, il-Qorti fehmet illi l-imputat ma kienx qed jindirizza biss lill-Ispettur, iżda dan ma jfissirx li jonqos xi wieħed mill-elementi kostituttivi tar-reat għaliex l-artikolu 95 tal-Kap. 9 imkien ma jesiġi li għar-reita' jeħtieġ li t-theddid jew inġurja jkunu indirizzati biss jew esklussivament lejn il-persuna tal-uffiċjal pubbliku li huwa s-soġġett passiv tar-reat purche' iżda, l-inġurja jew it-theddid jingħad fil-presenza tal-uffiċjal pubbliku, ossia *de visu*, u jkun indirizzat lilu.

Illi b'mod speċifiku dwar ir-rekwiżit li t-theddid jew il-kliem ingurjuz ikun intqal fil-preżenza tal-uffiċjal pubbliku li lejh ikunu indirizzati, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Amante Camilleri**[7], il-Qorti tal-Appell Kriminali riaffermat il-prinċipji assodati in materja meta qalet:-

"*Biex ikun hemm id-delitt ta' oltragg hemm bzonn li l-kliem denunzjati bhala ingurjuzi jkunu inghadu lil wiehed li ghandu l-kwalifika ta' ufficjal pubbliku u li jkunu nghadu offico durante vel contemplatione officii. Rekwiezit iehor huwa li l-kliem jigu profferiti fil-prezenza ta'l-ufficjal in kwistjoni, ossia de visu ghax altrimenti ma jkunx hemm ir-reat ta' oltragg izda dak ta' ingurja komuni.*"

[7] **Il-Pulizija vs Amante Camilleri** decided on the 17.10.1997.

Fuq kollox huwa ppruvat illi l-kliem ta' theddid ġie indirizzat lejn l-Ispettur Sherona Buhagiar waqt li kienet qed taqdi dmijirijietha bħala uffiċjal tal-Pulizija billi kienet qiegħda tmexxi l-prosekuzzjoni fil-proċeduri kriminali kontra l-imputat David Bonnici meta effettivament ġiet mhedda minnu.

Fir-rigward imbagħad l-element formali, il-Qorti tqis illi m'hu xejn inqas minn manifestament ovvju illi l-imputat aġixxa bil-mod deskritt fix-xhieda, mhux b'rejazzjoni jew bi protesta kontra xi ordni mhux leġittima li ngħatatlu, iżda tabilħaqq bil-ħsieb evidenti li jhedded lill-Ispettur tal-Pulizija kif ukoll biex ibeżżagħha jew jinfluwixxi fuqha fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet pubbliċi tagħha bħala uffiċjal tal-Pulizija.

Il-Qorti għaldaqstant tqis li l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tar-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi fit-tielet imputazzjoni l-imputat qed jiġi mixli bir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 ċioe' li kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied.

In tema ta' din il-kontravvenzjoni, il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha mogħtija fil-5 ta' Mejju 2005[8] fejn trattat b'mod eżawrjenti l-elementi li jeħtieġu li jiġu ppruvati sabiex tista' tinstab ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun*

[8] **Il-Pulizija v. Noel Tanti**.

*hemm* ***ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minħabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil****.*

...

*U aktar 'l quddiem l-istess awtur*[9] *jghid:- "...although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* (emfasi ta' din il-Qorti)

Imbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deċiża fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: '... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently,* ***we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done'*** *(p.182).*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Minn dan isegwi illi biex tiġi ravviżata ħtija għal dan ir-reat kontravvenzjonali, għalkemm mhux meħtieġa l-prova illi l-aġir tal-imputat ikun attwalment nissel l-allarm f'persuna jew persuni oħra dwar l-inkolumita` fizika tagħhom jew tal-proprjeta` tagħhom, l-aġir tal-imputat irid ikun tali li jkun kapaċi fih innifsu jnissel

[9] Gerald H. Gordon, "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978).

dan it-tħassib jew allarm mill-inqas f'persuna waħda oħra dwar l-inkolumita` tagħhom.

Applikat dan l-insenjament għall-fattispeċje tal-każ in diżamina, il-Qorti tqis l-imputat meta beda jgħajjat u jħares lejn il-Maġistrat u l-Ispettur u jgħidilhom b'leħen għoli li ser ipattihielhom u li ser jgħollihom u jaħraqhom kollha, kien qed jaġixxi b'mod li fih innifsu huwa kalkolat li jnissel tħassib jew biża' fil-persuni preżenti u effettivament nissel dan l-allarm għaliex kif xehed il-Maġistrat Caruana huwa kellu jagħfas il-*panic button* filwaqt li l-uffiċjali tal-Pulizija li kien hemm preżenti fl-awla kellhom joħorġuh mill-awla biex is-sitwazzjoni tiġi kkalmata[10].

Għaldaqstant, l-imputat għandu jinstab ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat qed jiġi mixli wkoll li huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9.

Bħala prova in sostenn ta' dan l-addeibtu, il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lill-Assistent Reġistratur tal-Qorti li esebiet bil-ġurament tagħha kopja awtentikata ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar 2018 fejn David Bonnici li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' bħal dak tal-imputat odjern, ċioe' 83777M, ingħata ordni għal liberazzjoni kondizzjonata ai termini tal-artiklu 22 tal-Kap. 446[11] ġie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sena. Ġie mmultat ukoll €800 liema multa jirriżulta li ġiet imħallsa fit-8 ta' Lulju 2020[12].

---

[10] Ara xhieda Spettur Sherona Buhagiar.

[11] Għandu jingħad iżda li inħarġet ukoll fl-istess data fil-konfront tal-istess imputat, Ordni ta' Probation taħt l-artikolu 7 tal-Kap. 446 (ara Dok. SCT1, paġna 71/71 tal-atti tal-kawża), liema Ordni ġiet iffirmata mill-imputat. Dan jidher li sar bi żball għaliex is-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018 illiberat lill-imputat kondizzjonalment u mhux poġġietu taħt Ordni ta' Probation.

[12] Ara xhieda Stephanie Calafato Testa, 1 ta' Diċembru 2022 u Dok. SCT2.

Il-Qorti tqis illi in kwantu għall-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, din ma tistax titqies bħala kundanna għal reat (jew delitt) b'sentenza, għall-fini tal-provi tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 49 u l-artikolu 50 tal-Kap. 9. Il-ħati li jiġi liberat kondizzjonalment jew għal kollox taħt l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jew jingħata waħda mis-sanzjonijiet l-oħra maħsuba taħt l-Att dwar il-Probation, ma jistax jitqies li ġie kkundannat b'sentenza għaliex effettivament ma jkunx ingħata piena. Kemm hu hekk, l-artikolu 22 tal-Kap. 446 jipprovdi illi l-Qorti tista' tagħmel ordni għal liberazzjoni kondizzjonata meta "*ma jkunx spedjenti li twaħħal piena*", fost kriterji oħrajn, filwaqt illi l-artikolu 7 tal-istess Kap. 446 jipprovdi illi meta l-Qorti tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' probation, dan tagħmlu "*minflok tagħti sentenza dwar il-ħati*".

Madanakollu, fis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018 David Bonnici ġie kkundannat ukoll għal multa ta' €800[13]. Jirriżulta illi r-reat li għalih ingħata din il-piena huwa dak taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9, liema reat m'huwiex wieħed ta' natura kontravvenzjonali iżda huwa tabilħaqq delitt. Dan ifisser illi ġie ppruvat kif imiss li l-imputat odjern ġie kundannat għal reat b'sentenza għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9 u ġie wkoll ikkundannat għal delitt għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9. Jirriżulta wkoll illi r-reati li dwarhom qed jinstab ħati llum, ġew kommessi mill-imputat[14] inqas minn ħames snin wara li l-piena li ġie kkundannat għaliha bis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018 ġiet skontata[15]. Għaldaqstant, huwa ppruvat li l-imputat huwa reċidiv ukoll taħt l-artikolu 50 tal-Kap. 9.

In kwantu għall-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 289 tal-Kap. 9, din ingħatat inutilment għaliex l-imputat mhuwiex qed jiġi akkużat u misjub ħati b'din is-sentenza tal-lum, dwar il-kommissjoni ta' xi wieħed mir-reati msemmija fis-Subtitolu I tat-Titolu IX tat-Tieni Taqsima tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u għalhekk, anke

---

[13] Għalkemm il-Qorti ma taqbilx li kellu jiġi impost multa bħala piena meta l-imputat kien ingħata ordni għal liberazzjoni għar-reati li dwarhom instab ħati, ma jirriżultax li kien ġie interpost appell mis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2018.

[14] Fil-31 ta' Mejju 2022.

[15] Il-multa ġiet imħallsa fit-8 ta' Lulju 2020.

għaliex ma nġiebet ebda prova fl-atti proċesswali ta' xi sentenza li kundannat lill-imputat odjern dwar xi reat ta' serq.

Għaldaqstant il-Qorti m'hijiex sejra tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-recidiva taħt l-artikolu 289 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Għall-fini tal-piena li għandha tiġi inflitta fuq sejbien ta' ħtija għar-reati taħt l-artikoli 93 u 95 tal-Kap. 9, il-Qorti kkunsidrat illi dawn iż-żewġ delitti – partikolarment dak taħt l-artikolu 93 - huma ferm gravi. Minn ħarsa lejn il-fedina penali voluminuża tiegħu, jirriżulta wkoll li l-imputat instab ħati u ġie kundannat għar-reat taħt l-artikolu 95 tal-Kap. 9[16] **xejn inqas minn tmien darbiet** u minn dan il-Qorti fehmet illi l-imputat għandu problema kbira ta' insubordinazzjoni kontra l-awtorita' pubblika. Din il-problema kompliet tiġi manifestata, u b'mod ferm gravi, bl-akkużi fil-proċeduri odjerni fejn l-imputat kompla juri li ma għandu ebda rispett kwalsiasi lanqas għall-awtorita' ġudizzjarja u ma jaħsibhiex darbtejn jhedded lill-membri tal-ġudikatura u uffiċjali pubbliċi. Evidentement, huwa ma tgħallem xejn la mid-diversi opportunitajiet li ngħata mill-qrati fil-passat biex jirrijabilita ruħu u jaqbad it-triq tar-riforma, u lanqas mis-sentenzi ta' priġunerija effettiva li skonta ripetutament minħabba l-aġir aggressiv tiegħu sia lejn qraba tiegħu u sija wkoll fil-konfront ta' uffiċjali tal-Pulizija.

Il-Qorti fehmet b'mod dirett il-gravita' tal-problema tal-komportament tal-imputat meta matul is-smigħ tal-kawża fl-1 ta' Diċembru 2022, huwa reġa' ġab ruħu b'aggressjoni u rabja billi beda jgħajjat u jipponta subajgħ lejn il-prosekutur u wara li ġie mwiddeb mill-Qorti, baqa' jlissen l-oġġezzjonijiet tiegħu bi kliem dispreġġjattiv indirizzat lejha u lejn l-uffiċjali l-oħra kollha tal-Qorti u tal-Pulizija prezenti fl-awla.

[16] Instab ħati wkoll tar-reat taħt l-artikolu 96 li ġie kommess fit-22 ta' Lulju 2019 – ara fedina penali.

Kemm hu hekk, ġie kundannat xahar detenzjoni[17]. L-imputat qatt ma skuża ruħu għal dan l-aġir.

Huwa evidenti li l-vizzju tad-droga wkoll għadu qed jaħkem lill-imputat, skont kif ammess minnu stess fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti. Il-fatt illi huwa kien intossikat u taħt l-effett tad-droga meta wettaq ir-reati li qed jinstab ħati dwarhom illum, ma jagħmel xejn biex inaqqas il-gravita' ta' dawn ir-reati jew tal-imġieba tiegħu: għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li sewwasew minħabba din id-dipendenza fuq id-droga, magħdud dan l-aġir aggressiv, inkontrollabbli u insubordinat tiegħu, l-imputat jippreżenta minaċċja għas-soċjeta' tant illi ma jistax jiġi fdat biex jifforma parti mill-komunita' jekk ma jibdiex jirreġistra progress effettiv u oġġettivament riskontrabbli, bl-għajnuna professjonali u strutturata, fil-problema ta' reżistenza għal kull forma ta' awtorita' u l-problema tad-dipendenza fuq id-droga – liema problemi x'aktarx li huma wkoll instrinsikalment konnessi.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fatt illi bl-istess att, ċioe' l-għajjat u kliem ta' theddid, l-imputat kiser iktar minn dispożizzjoni waħda tal-liġi li jfisser li teżisti konkorrenza formali ta' reati u pieni bejn it-tliet reati addebitati lilu fiċ-ċitazzjoni. Għaldaqstant, sejjer jingħata biss il-piena għar-reat l-iktar gravi li huwa dak taħt l-artikolu 93 tal-Kap. 9

Ikkunsidrat ukoll ix-xhieda ta' Noel Mifsud, uffiċjal ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. Huwa minnu li dan ix-xhud qal illi innota differenza pożittiva sostanzjali bejn il-komportament tiegħu sa miż-żmien meta daħal il-ħabs f'Mejju 2022, iddeskriva l-imġieba tal-imputat illum bħala eżemplari u ta' bniedem normali u kkonferma li l-imputat minflok iqajjem l-inkwiet, illum joqgħod lura. Madanakollu, dan mhux biżżejjed biex il-Qorti tkun tikkonvinta li l-imputat irrijabilita ruħu u li mhux meħtieġ sanzjoni korrettiva u punittiva għall-aġir aggressiv u insubordinat tiegħu - del resto ripetuta - u għall-protezzjoni tas-soċjeta'.

[17] Ara verbal tas-seduta tal-1 ta' Diċembru 2022.

Il-Qorti hi tal-fehma illi fl-isfond tal-istorja kriminali twila tiegħu, mingħajr ebda ħjiel ta' progress serju, l-imputat għandu jingħata piena karċerarja effettiva liema piena għandha tiġi skontata in sintonija ma' trattament psikoloġiku biex tiġi indirizzata l-imġieba aggressiva u insubordinata tiegħu kif ukoll trattament għad-dipendenza tiegħu fuq id-droga, dan kollu biex l-imputat jikkonsolida kwalsiasi progress li seta' beda jagħmel, ma jibqax ta' riskju għas-soċjeta' u jagħraf ukoll l-importanza tal-kontroll tal-emozzjonijiet tiegħu biex ikun jista' jirreintegra ruħu b'mod effettiv fis-soċjeta' bħala bniedem riformat.

F'dan il-każ il-Qorti tqis illi huwa relevanti l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paschalino Cefai**, deċiża fid-29 ta' Novembru 2018:-

"*Illi allura min hu imsejjah biex jiggudika ma ghandux ihares biss l-interessi tal-persuna ikkundannata izda ghandu jara illi ihares l-interessi tal-vittma jew vittmi tar-reat u is-socjeta in generali billi jaghti dik il-piena li ghandha isservi bhala kastig ghal min jikkometti r-reat, li tara li twassal ghat-tnaqqis tal-kummissjoni ta' reati ohra, li tista' twassal ghar-rijabilitazzjoni u r-riforma tal-hati, li taghti il-harsien mehtiega lil pubbliku u li l-hati jaghmel reparazzjoni ghal hazin li jkun ghamel*".

**Għaldaqstant, filwaqt li qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u wara li rat l-artikoli 17, 49, 50, 93(1), 95, 338(dd) tal-istess Kodiċi Kriminali, issib lil DAVID BONNIĊI ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva taħt l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah erbatax (14)-il xahar priġunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000).**

**Tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati a tenur tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tliet (3) snin biex jingħata trattament psikoloġiku biex jindirizza problema ta' nuqqas ta' kontroll**

**ta' rabja u reżistenza għall-awtorita', kif ukoll trattament biex jegħleb id-dipendenza fuq id-droga.**

**Tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' tal-Maġistrat Leonard Caruana u l-Ispettur Sherona Buhagiar għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri mid-data li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

**Billi ma ġew maħtura ebda esperti, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni li saret għall-fini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**